# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 153

Edizzjoni bil-Malti — Informazzjoni u Avviżi — Volum 65 — 7 ta' April 2022

Werrej

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RAKKOMANDAZZJONIJIET

**Il–Kunsill**

2022/C 153/01 Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' April 2022 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro .......... 1

**Il-Bank Ċentrali Ewropew**

2022/C 153/02 Rakkomandazzjoni Tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-29 ta' Marzu 2022 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Lietuvos bankas (BĊE/2022/15) .......... 7

OPINJONIJIET

**Il–Kunsill**

2022/C 153/03 Opinjoni tal-Kunsill tal-5 ta' April 2022 dwar il-ħatra tal-Kontrollur ta' garanziji proċedurali tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) .......... 8

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2022/C 153/04 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.10586 — MGL / MSP / O'CONNOR / MCLAREN RACING) [1] .......... 10

2022/C 153/05 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.10610 — ARCHER DANIELS MIDLAND SINGAPORE / CLYDE INVESTMENTS) [1] .......... 11

**MT**

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2022/C 153/06 Rata tal-kambju tal-euro — Is-6 ta' April 2022 ..... 12

V *Avviżi*

PROĊEDURI TAL-QORTI

**Il-Qorti tal-EFTA**

2022/C 153/07 Talba għal Opinjoni Konsultattiva mill-Qorti tal-EFTA minn Héraðsdómur Reykjavíkur bid-data tat-8 ta' Diċembru 2021 fil-Kawża ta' Anna Bryndís Einarsdóttir vs it-Teżor tal-Iżlanda (Il-Kawża E-5/21) ..... 13

2022/C 153/08 Sentenza tal-Qorti l-14 ta' Diċembru 2021 fil-Kawża E-2/21 — Norep AS vs Haugen Gruppen AS *(Aġenti kummerċjali li jaħdmu għal rashom – Direttiva 86/653/KEE – Artikolu 1(2) – Kunċett ta' "aġent kummerċjali" – Negozjar ta' bejgħ jew xiri ta' merkanzija f'isem il-prinċipal)* ..... 14

2022/C 153/09 Sentenza tal-Qorti tal-14 ta' Diċembru 2021 fil-Kawża E-1/21 — ISTM International Shipping & Trucking Management GmbH v Liechtensteinische Alters- und Hinterlassenenversicherung, Liechtensteinische Invalidenversicherung, u Liechtensteinische Familienausgleichskasse *(Sigurtà soċjali – Regolament (KE) Nru 883/2004 – Regolament (KE) Nru 987/2009 – Uffiċċju rreġistrat jew post tan-negozju – Determinazzjoni provviżorja – Artikolu 3 ŻEE – Prinċipju ta' kooperazzjoni leali)* ..... 15

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

# IL–KUNSILL

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

**tal-5 ta' April 2022**

**dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro**

(2022/C 153/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 136, flimkien mal-Artikolu 121(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet baġitarji u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Wara reċessjoni profonda ħafna fl-2020, l-ekonomija taż-żona tal-euro qed tesperjenza rkupru solidu u rapidu. It-tkabbir tal-Prodott Domestiku Gross (PDG) fit-tieni kwart tal-2021 qabeż l-aspettattivi u, skont it-tbassir ekonomiku tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2021, il-PDG taż-żona tal-euro huwa mistenni li jkun kiber b'5,0 % fl-2021. L-ekonomija taż-żona tal-euro reġgħet kisebet il-livell tal-PDG tagħha ta' qabel il-kriżi fl-aħħar kwart tal-2021. Sat-tieni kwart tal-2021, seba' pajjiżi taż-żona tal-euro kienu diġà kisbu mill-ġdid il-livelli tal-PDG tagħhom ta' qabel il-kriżi. Il-PDG annwali taż-żona tal-euro huwa mbassar li jikber b'4,3 % fl-2022, iżda l-irkupru huwa mistenni li jkun irregolari bejn il-pajjiżi u s-setturi. Id-domanda domestika hija l-ixprun ewlieni tat-tkabbir tal-PDG, marbuta mat-tħaffif tar-restrizzjonijiet relatati mal-pandemija tal-COVID-19 wara l-organizzazzjoni tad-distribuzzjoni tal-vaċċini, titjib gradwali fis-swieq tax-xogħol, il-ġbid ta' tfaddil żejjed akkumulat matul il-perijodi ta'

([1]) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
([2]) ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

lockdown, u tkabbir qawwi fl-investiment li jibbenefika minn kondizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli u l-appoġġ minn NextGenerationEU, l-istrument ta' rkupru stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 ([3]). Skont kif rakkomandat, l-Istati Membri taż-żona tal-euro ħadu azzjoni, individwalment u kollettivament fil-Grupp tal-Euro, biex jiżguraw pożizzjoni ta' politika li tappoġġa l-irkupru mill-kriżi tal-COVID-19. Għall-ġejjieni, il-livell ta' inċertezza għadu għoli, b'riskji sostanzjali inkluż dawk relatati mal-evoluzzjoni tal-pandemija, kemm fl-Unjoni kif ukoll barra minnha, u dak il-livell jistħoqqlu monitoraġġ mill-qrib.

(2) Matul l-2021, it-tkabbir qawwi fid-domanda domestika ssodisfa l-limitazzjonijiet fuq in-naħa tal-provvista, inkluż l-iskarsezza tal-input u t-tfixkil tal-loġistika. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet saru ta' tħassib dejjem akbar f'xi setturi u f'xi Stati Membri. Wara diversi snin ta' rati baxxi ħafna, l-inflazzjoni fiż-żona tal-euro żdiedet mill-bidu tal-2021, b'mod partikolari minħabba effetti bażi, iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u l-konġestjonijiet fil-provvista, li jissuġġerixxi fenomenu tranżitorju marbut mal-proċess ta' aġġustament ta' wara l-lockdown. L-inflazzjoni laħqet l-4,9 % fiż-żona tal-euro f'Novembru 2021. Skont it-tbassir ekonomiku tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2021, hija prevista li tonqos għal 2,2 % fl-2022 u għal 1,4 % fl-2023.

(3) Fl-2021, l-istrateġija Ewropea ta' rkupru ffokat fuq li ssir effettiva n-NextGenerationEU, u tal-akbar strument tagħha, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]). Sa nofs Novembru 2021, il-Kunsill kien adotta l-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza ta' 22 Stat Membru, inkluż it-18-il pajjiż taż-żona tal-euro, wara valutazzjonijiet pożittivi mill-Kummissjoni. Matul is-snin li ġejjin, l-implimentazzjoni effettiva tar-riformi u l-investimenti bl-RRF ser ikollha impatt pożittiv profond fuq il-funzjonament tal-ekonomiji taż-żona tal-euro tal-Istati Membri. L-implimentazzjoni effettiva tal-RRF ser trawwem żieda fil-konverġenza ekonomika u soċjali fost l-Istati Membri taż-żona tal-euro, minħabba l-koeffiċjent użat biex jiġu allokati r-riżorsi tagħha. L-RRF saħħet ukoll il-fiduċja u tikkontribwixxi għall-appoġġ tat-tkabbir u l-istabbiltà makrofinanzjarja, u b'hekk tibbilanċja t-taħlita ta' politiki u tikkomplementa l-azzjonijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE). Lil hinn mill-appoġġ għall-irkupru, l-RRF għandu l-għan li jittrasforma strutturalment l-ekonomiji tal-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward tal-kisba tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. L-implimentazzjoni ta' investimenti u riformi koerenti bl-RRF, flimkien mal-użu tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, għandha l-għan li żżid ir-reżiljenza taż-żona tal-euro għal xokkijiet futuri, iżżid il-produzzjoni potenzjali b'mod durabbli, tappoġġa l-impjiegi u tindirizza l-isfidi soċjali. Barra minn hekk, il-ħruġ ta' dejn iddenominat f'euro mill-Unjoni għall-finanzjament tal-RRF ser iżid il-profondità u l-likwidità għas-swieq kapitali tal-Ewropa u jikkontribwixxi biex l-euro tissaħħaħ bħala munita internazzjonali. Il-ħruġ ta' bonds ekoloġiċi taħt NextGenerationEU ser ikompli jgħin fil-promozzjoni ta' investiment sostenibbli.

(4) L-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti inklużi fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza ser tagħti lok għall-iżborż tal-finanzjament mill-RRF u tikkontribwixxi b'mod effettiv għall-kisba tal-prijoritajiet tal-politika taż-żona tal-euro, inklużi dawk stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro ([5]). Tali implimentazzjoni ser tikkonċerna, fost l-oħrajn, it-tisħiħ tal-oqfsa istituzzjonali nazzjonali, l-appoġġ ta' investiment pubbliku ta' kwalità għolja, u miżuri ta' politika b'appoġġ għall-koeżjoni soċjali u tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali ġusti. Jenħtieġ li tali implimentazzjoni tgħin biex jiġi żgurat irkupru sostenibbli u inklużiv, jiġi sostnut il-potenzjal tat-tkabbir u tissaħħaħ ir-reżiljenza. Dan huwa konformi mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Novembru 2021 intitolata "Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2022" u l-erba' dimensjonijiet tas-sostenibbiltà kompetittiva, jiġifieri s-sostenibbiltà ambjentali, il-produttività, il-ġustizzja u l-istabbiltà makroekonomika.

(5) Politiki ekonomiċi li jappoġġaw b'mod xieraq u li jsaħħu lil xulxin żguraw stabbilizzazzjoni makroekonomika effettiva, u rażżnu l-impatt fuq l-eżiti tas-suq tax-xogħol, u b'hekk itaffu r-riskji ta' riperkussjonijiet u jappoġġaw irkupru ekonomiku rapidu. Taħlita tajba ta' politiki monetarji u fiskali flimkien ma' riformi strutturali u politiki finanzjarji ser tibqa' essenzjali għall-funzjonament xieraq taż-żona tal-euro, f'konformità sħiħa mar-rwoli rispettivi tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet skont it-Trattat.

(6) Il-miżuri tal-politika monetarja tal-BĊE għandhom l-għan li jiżguraw il-funzjonament bla xkiel ta' segmenti differenti tas-suq finanzjarju u jżommu l-kanali ta' trażmissjoni monetarja intatti, u fl-aħħar mill-aħħar li jissalvagwardjaw l-istabbiltà tal-prezzijiet fuq terminu medju. F'Lulju 2021, il-BĊE ppubblika l-istrateġija politika monetarja l-ġdida tiegħu, li tadotta mira simetrika ta' inflazzjoni ta' 2 % fuq terminu medju. Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE ikkonferma wkoll li l-istabbiliment ta' rati tal-imgħax tal-BĊE jibqa' l-istrument primarju tal-politika monetarja tiegħu. F'Ottubru

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropeagħall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433I , 22.12.2020, p. 23).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

([5]) ĠU C 283, 15.7.2021, p. 1.

2021, il-BĊE nieda fażi ta' investigazzjoni ta' sentejn fir-rigward tal-ħruġ possibbli ta' euro diġitali. Il-ħolqien ta' euro diġitali jkun jeħtieġ intervent mil-leġiżlaturi tal-Unjoni, u l-Kummissjoni bishiebha tagħmel proposta leġiżlattiva abbażi tal-Artikolu 133 tat-Trattat. Skont ma jkun id-disinn tagħha, munita diġitali tal-bank ċentrali bħal din tista', fost l-oħrajn, toffri provvista ta' flus pubbliċi f'forma diġitali, tappoġġa d-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija Ewropea u tħeġġeġ b'mod attiv l-innovazzjoni fil-pagamenti bl-imnut. Barra minn hekk, dan jikkontribwixxi għat-tisħiħ tar-rwol internazzjonali tal-euro u l-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni.

(7) Fid-19 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni intitolata "L-ekonomija tal-UE wara l-COVID-19: implikazzjonijiet għall-governanza ekonomika", li nediet mill-ġdid id-dibattitu dwar ir-rieżami tal-governanza ekonomika biex tibni kunsens wiesa' dwar kif jista' jittejjeb il-qafas tal-governanza ekonomika, jiġu indirizzati l-iżbilanċi makroekonomiċi u jiġu indirizzati l-isfidi fiskali b'mod li jiffavorixxi t-tranżizzjoni u t-tkabbir, filwaqt li jitqiesu t-tagħlimiet meħuda mill-kriżi tal-COVID-19.

(8) Id-defiċit tal-gvern estiż fiż-żona tal-euro kollha kemm hi ġie pproġettat li jilħaq 7,1 % tal-PDG fl-2021 iżda li jonqos għal 3,9 % fl-2022. Il-pożizzjoni fiskali taż-żona tal-euro, skont it-tbassir ekonomiku tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2021, ġiet ipproġettata li tibqa' ta' appoġġ fl-2021, b'espansjoni 'l fuq minn 1,75 % tal-PDG, u fl-2022, b'espansjoni qrib 1 % tal-PDG. Fl-2022, l-investiment pubbliku, kemm iffinanzjat fil-livell nazzjonali kif ukoll mill-Unjoni, ser jikkontribwixxi għal dik il-pożizzjoni ta' appoġġ. Minn Novembru 2021, it-18-il pjan nazzjonali ta' rkupru u reżiljenza taż-żona tal-euro approvati mill-Kunsill dak iż-żmien għandhom jipprovdu appoġġ finanzjarju fuq skala kbira lill-Istati Membri taż-żona tal-euro sal-ammont ta' EUR 262 biljun f'għotjiet u EUR 139 biljun f'self fil-perijodu sal-2026. Il-koordinazzjoni tal-politiki fiskali nazzjonali, b'rispett sħiħ tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, hija kruċjali għar-rispons effettiv għax-xokk ekonomiku kkawżat mill-kriżi tal-COVID-19, irkupru sostenibbli, u l-funzjonament korrett tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM). Filwaqt li l-klawżola liberatorja ġenerali ser tibqa' attiva fl-2022, hija mistennija li tiġi diżattivata mill-2023. Hekk kif qed jissoda l-irkupru ekonomiku, il-politika fiskali qed iddur minn waħda ta' miżuri temporanji ta' emerġenza lejn miżuri mmirati ta' appoġġ għall-irkupru. Iż-żieda fil-proporzjonijiet tad-dejn tal-gvern minn 85,5 % tal-PDG fl-2019 għal 100 % tal-PDG fl-2021 irriflettiet l-effetti kkombinati tat-tnaqqis fil-produzzjoni u r-reazzjoni politika meħtieġa għax-xokk kbir ħafna tal-COVID-19. Madankollu, billi l-proporzjonijiet tad-dejn kienu diġà għoljin f'xi Stati Membri taż-żona tal-euro qabel dak ix-xokk, objettiv ta' politika f'parti kbira taż-żona tal-euro ser ikun tnaqqis gradwali, kontinwu u li jiffavorixxi t-tkabbir tad-dejn.

(9) F'dan il-kuntest, it-titjib tal-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi, inkluż permezz tal-promozzjoni tal-investiment, it-titjib tal-kwalità tal-miżuri baġitarji u l-iżgurar tas-sostenibbiltà fiskali fuq perijodu medju u twil, inkluż fid-dawl tat-tibdil fil-klima u t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, jidhru partikolarment rilevanti. L-ibbaġitjar ekoloġiku, ir-rieżamijiet tal-infiq, skemi ta' ġestjoni tal-investiment pubbliku li jiffunzjonaw tajjeb, u oqfsa effettivi tal-akkwist pubbliku jistgħu jtejbu t-trasparenza u l-effettività tal-finanzi pubbliċi u joħolqu spazju fiskali għal investimenti pubbliċi addizzjonali. Fil-perijodu ta' wara l-kriżi tal-COVID-19, l-importanza fundamentali tar-riformi għal politika tad-dħul aktar effiċjenti u aktar ġusta kompliet tiżdied. Għad hemm lok biex is-sistemi tat-taxxa fiż-żona tal-euro jsiru aktar favur it-tkabbir u l-ambjent, b'mod partikolari billi jiġu indirizzati d-distorsjonijiet u jitnaqqas il-porzjon ta' taxxa fuq ix-xogħol, li għadu għoli fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri taż-żona tal-euro. Il-miżuri li jindirizzaw l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, l-evitar tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa jistgħu jagħmlu s-sistemi tat-taxxa aktar effiċjenti u ġusti, filwaqt li jappoġġaw l-irkupru u jżidu d-dħul. Il-globalizzazzjoni ħolqot il-ħtieġa li l-qafas tat-tassazzjoni jiġi aġġustat biex ikun adattat għal ekonomija dejjem aktar diġitalizzata. Intlaħaq ftehim dwar ir-riforma tat-tassazzjoni globali biex jiġu indirizzati l-isfidi tat-taxxa li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija u biex tiġi limitata l-kompetizzjoni tat-taxxa dannuża fl- Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) u l-Qafas Inkluživ tal- u G20 dwar l-Erożjoni tal-Bażi u t-Trasferiment tal-Profitt.

(10) Ir-rispons ta' politika rapidu u b'saħħtu fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, inkluż permezz ta' NextGenerationEU, kien effettiv fil-mitigazzjoni tal-impatt tal-kriżi fuq l-unitajiet domestiċi u d-ditti. Bis-saħħa ta' dik l-azzjoni koordinata, id-diverġenzi twessgħu inqas milli kien mistenni fil-bidu, u ġew mitigati l-effetti ta' ripetizzjoni fit-tul. L-appoġġ ta' politika, inkluż permezz ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri oħra għaż-żamma tal-impjiegi, għen biex in-negozji jinżammu f'attività matul il-kriżi u llimita ż-żieda fir-rata tal-qgħad u t-tnaqqis fid-dħul disponibbli. Għalkemm qed jiżdiedu, ir-rati ta' insolvenza baqgħu mrażżna fl-2021 minkejja t-tneħħija gradwali tal-miżuri ta' appoġġ. Is-swieq tax-xogħol qed juru wkoll titjib gradwali, bir-rata tal-impjiegi fil-livell ta' 72,1 % fit-tieni kwart tal-2021, meta mqabbel mal-ogħla livell ta' qabel il-COVID-19 ta' 72,9 % fir-raba' kwart tal-2019. L-adozzjoni aċċellerata tat-teknoloġija diġitali matul il-kriżi tal-COVID-19 jista' jkollha impatt pożittiv fuq il-produttività jekk tiġi sostnuta maż-żmien. Madankollu, dik il-kriżi kellha implikazzjonijiet territorjali, settorjali u distributtivi sostanzjali, li ser jirrikjedu riallokazzjonijiet kemm fil-pajjiżi u s-setturi kif ukoll bejniethom, bi spejjeż sostanzjali ta' tranżizzjoni għall-ħaddiema u l-kumpaniji.

(11) Għalkemm iż-żieda fil-fallimenti baqgħet limitata sa issa, il-kriżi tal-COVID-19 ħalliet ħafna ditti b'karti tal-bilanċ aktar dgħajfa, u dan jista' jkun ta' limitu fil-kapaċità tagħhom li jiffinanzjaw proġetti ta' investiment fil-futur qrib u jikkompromettu l-kapaċità tagħhom ta' ħlas lura. Hekk kif l-irkupru jibda jseħħ, l-appoġġ għandu jitneħħa gradwalment u jsir aktar immirat. L-użu inqas tal-istrumenti tad-dejn jillimita l-obbligazzjonijiet kontinġenti u jgħin biex tiġi ppreservata l-kapaċità ta' investiment tan-negozji. L-irtirar f'waqtu tal-miżuri ta' appoġġ ta' politika huwa att ta' bbilanċjar li jinvolvi l-appoġġ għall-investiment u l-impjiegi u l-evitar ta' fallimenti ta' negozji vijabbli, mingħajr ma jiġi mfixkel il-ħruġ ordnat ta' dawk in-negozji mhux vijabbli fuq perijodu medju ta' żmien. F'dan il-kuntest, it-titjib tal-aċċess għall-finanzi għall-kumpaniji, it-tisħiħ tal-karti tal-bilanċ tal-kumpaniji u t-titjib tal-kapaċità u l-effiċjenza tal-oqfsa ta' insolvenza huma kruċjali. Ir-reġimi nazzjonali tal-insolvenza jvarjaw sostanzjalment madwar iż-żona tal-euro, u ser ikunu meħtieġa azzjonijiet li jtejbu l-kapaċità biex jiġu ffaċilitati kemm l-amministrazzjoni effettiva kif ukoll is-sistema ġudizzjarja. It-titjib tal-oqfsa tal-insolvenza jista' jikkontribwixxi wkoll għal karti tal-bilanċ aktar sodi fis-settur bankarju, b'impatt pożittiv fuq il-provvista tal-kreditu. Id-Direttiva (UE) 2019/1023 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), dwar ir-ristrutturar u l-insolvenza, li tfittex li tintroduċi standards minimi madwar l-Istati Membri dwar ir-ristrutturar preventiv u l-ħelsien mid-dejn għall-imprendituri, ser tiġi trasposta fil-liġi nazzjonali sas-17 ta' Lulju 2022. Barra minn hekk, l-integrazzjoni tas-swieq kapitali tal-Unjoni hija kruċjali biex il-kumpaniji jiġu pprovduti b'sorsi alternattivi ta' finanzjament biex jikkomplementaw is-self mill-bank. Il-progress fl-Unjoni tas-Swieq Kapitali jista' jtejjeb l-aċċess għall-finanzjament għan-negozji taż-żona tal-euro, jimmobilizza investimenti fit-tul f'teknoloġiji u infrastruttura ekoloġiċi u ġodda, jippromwovi l-investiment tal-ekwità u jneħħi l-ostakli transfruntiera għall-investiment, inkluż billi jarmonizza ċerti aspetti tal-liġi sostantiva dwar il-proċedimenti ta' insolvenza.

(12) Filwaqt li l-impjiegi qed jirkupraw malajr, xi setturi, kategoriji speċifiċi ta' ħaddiema u reġjuni huma mistennija li jintlaqtu fit-tul mill-kriżi tal-COVID-19 u mill-ispinta qawwija biex l-ekonomija ssir aktar ekoloġika u d-diġitalizzazzjoni tiġi aċċellerata. Iż-żgħażagħ ġew affettwati b'mod partikolari, kif ukoll il-persuni b'livell baxx ta' ħiliet u dawk li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni. L-impjiegi l-ġodda li qed jinħolqu jistgħu jkunu differenti minn dawk l-impjiegi li ntilfu minħabba f'dik il-kriżi. Xi gruppi, inkluż in-nisa, għadhom jesperjenzaw sfidi strutturali fl-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol. Il-konġestjonijiet fil-katina tal-provvista u ż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija jistgħu jdewmu l-irkupru tal-impjiegi f'ċerti setturi. Il-miżuri ta' politika li jiffaċilitaw it-tranżizzjonijiet tal-impjiegi u l-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol għalhekk ser ikunu kruċjali biex jappoġġaw l-aġġustament u jimmitigaw l-impatt soċjali, b'mod partikolari fid-dawl tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Il-Kummissjoni ressqet ir-Rakkomandazzjoni (UE) 2021/402 ([7]) dwar appoġġ attiv effettiv għall-impjiegi wara l-kriżi tal-COVID-19, li tistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw pakketti ta' politika koerenti li jikkombinaw miżuri li huma mmirati biex inaqqsu n-nuqqas ta' ħiliet u jgħinu lill-individwi biex jinnavigaw b'suċċess it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Tali pakketti jkunu jikkonsistu minn tliet komponenti: (i) inċentivi ta' ingaġġ u tranżizzjoni limitati fiż-żmien u mfassla tajjeb u appoġġ għall-intraprenditorija; (ii) titjib fil-ħiliet u taħriġ mill-ġdid marbuta mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol; u (iii) appoġġ imtejjeb mis-servizzi ta' impjieg. Sadanittant, fl-interess tal-koeżjoni taż-żona tal-euro, il-protezzjoni soċjali tibqa' fundamentali wara l-kriżi tas-saħħa u dik ekonomika biex jiġu żgurati tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali ġusti. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jibqa' l-boxxla għall-impjiegi, il-ħiliet u l-azzjoni tal-politika soċjali, li trawwem konverġenza ekonomika u soċjali 'l fuq u kondizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien aħjar fl-Istati Membri. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, adottat f'Marzu 2021, jistabbilixxi tliet miri ewlenin tal-Unjoni dwar (i) l-impjiegi, (ii) it-tagħlim għall-adulti u (iii) it-tnaqqis tal-faqar sal-2030, li għalihom ser jikkontribwixxu l-azzjonijiet ta' politika rilevanti. Dawk il-miri ntlaqgħu mill-mexxejja tal-Unjoni fis-Summit Soċjali ta' Porto tat-8 ta' Mejju 2021 u fil-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Ġunju 2021.

(13) L-Istati Membri fasslu pjanijiet ambizzjużi ta' riforma u investiment, bl-appoġġ finanzjarju u ta' politika tal-RRF, u l-implimentazzjoni tagħhom hija kruċjali. It-titjib fil-kwalità tal-istituzzjonijiet, b'mod partikolari bit-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva, ser tkun kruċjali biex jiġi żgurat assorbiment rapidu tal-fondi relatati filwaqt li jiġu evitati d-duplikazzjoni u l-interferenza ma' strumenti oħra tal-Unjoni. L-Istati Membri jistgħu jtejbu l-kondizzjonijiet qafas għall-investiment privat billi jtejbu l-ambjent tan-negozju. Il-preservazzjoni u t-tisħiħ tar-reżiljenza tal-katina tal-provvista fis-suq uniku billi jiġu identifikati u indirizzati n-nuqqasijiet u l-konġestjonijiet tal-provvista, flimkien mas-swieq miftuħa, il-konverġenza fl-istandards, u diversifikazzjoni akbar, iċ-ċirkolarità u l-effiċjenza fir-riżorsi, ser ikunu kruċjali biex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-suq uniku. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, li tappella għal aktar integrazzjoni tas-suq uniku tal-oġġetti u s-servizzi, inkluż is-suq uniku diġitali, billi jitneħħew ir-restrizzjonijiet bla bżonn, tissaħħaħ is-sorveljanza tas-suq u tiġi garantita kapaċità amministrattiva suffiċjenti, għadha rilevanti.

---

([6]) Id-Direttiva (UE) 2019/1023 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar oqfsa ta' ristrutturar preventiv, dwar il-ħelsien mid-dejn u l-iskwalifiki, u dwar miżuri sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri li jikkonċernaw ir-ristrutturar, l-insolvenza u l-ħelsien mid-dejn, u li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1132 (Id-Direttiva dwar ir-ristrutturar l-insolvenza) (ĠU L 172, 26.6.2019, p.18).

([7]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/402 tal-4 ta' Marzu 2021 dwar appoġġ attiv effettiv għall-impjiegi wara l-kriżi tal-COVID-19 (EASE) (ĠU L 80, 8.03.2021, p. 1).

(14) Bħala riżultat tar-riformi preċedenti, is-settur bankarju wera reżiljenza ġenerali meta ffaċċja stress ekonomiku qawwi. L-appoġġ politiku estensiv matul il-kriżi u l-irkupru solidu rreġistrat fl-2021 sa issa naqqsu t-tħassib dwar karti tal-bilanċ korporattivi aktar dgħajfa. Madankollu, huwa possibbli li l-banek taż-żona tal-euro jesperjenzaw xi deterjorament fil-kwalità tal-assi. Il-monitoraġġ f'waqtu tar-riskji, l-involviment proattiv mad-debituri u l-ġestjoni attiva ta' self improduttiv, flimkien ma' profitabbiltà msaħħa u qafas regolatorju robust, huma importanti biex tinżamm l-istabbiltà tas-settur bankarju u l-kapaċità tiegħu li jiffinanzja l-irkupru ekonomiku.

(15) Id-daqs ekonomiku u l-integrazzjoni taż-żona tal-euro, kif ukoll l-azzjonijiet stabbiliti biex jirrispondu għall-kriżi tal-COVID-19, kienu fatturi ta' stabbilizzazzjoni globali matul dik il-kriżi. Minħabba l-interkonnettività tal-ekonomiji, fis-snin li ġejjin l-Istati Membri taż-żona tal-euro ser ikollhom bżonn iwettqu l-investimenti u r-riformi maqbula biex joħorġu aktar b'saħħithom mill-kriżi, filwaqt li jkomplu japprofondixxu l-UEM biex iżidu r-reżiljenza tagħha għal xokkijiet futuri u l-abbiltá tagħha li tkun aktar b'saħħitha fix-xena internazzjonali. L-iżviluppi f'ekonomiji tas-suq avvanzati u emerġenti għandhom riperkussjonijiet diretti fuq iż-żona tal-euro permezz ta' għadd ta' kanali, inkluż fir-rigward tal-politika tas-saħħa u t-tilqim, it-trajettorji tal-politika monetarja, il-flussi finanzjarji, il-ktajjen tal-valur globali u l-kummerċ. Il-limitazzjonijiet fil-ktajjen tal-provvista globali li qamu wara l-irkupru komplu jixhdu l-interkonnettività ekonomika globali li qed tikber. Sadanittant, is-surplus fil-kont kurrenti taż-żona tal-euro kompla t-tnaqqis gradwali tiegħu u fl-2020 laħaq livell qrib dak issuġġerit mill-prinċipji fundamentali. Madankollu, huwa mbassar li jiżdied minn 2,6 % għal 3,4 % bejn l-2020 u l-2023. It-tisħiħ tar-rwol internazzjonali tal-euro, li baqa' ġeneralment stabbli f'dawn l-aħħar snin, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' euro diġitali, jista' jsaħħaħ l-awtonomija ekonomika u finanzjarja taż-żona tal-euro u tal-Unjoni, u jtejjeb l-istabbiltà finanzjarja globali.

(16) L-approfondiment tal-UEM jibqa' essenzjali. L-Unjoni Bankarja u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali huma proġetti li jsaħħu lil xulxin biex jippromwovu t-tkabbir, jissalvagwardjaw l-istabbiltà finanzjarja u jappoġġaw UEM ġenwina. Il-mili tal-lakuni li fadal ikompli jżid l-istabbiltà u r-reżiljenza taż-żona tal-euro, jgħin lill-ekonomiji taż-żona tal-euro jirnexxu, u jsaħħaħ ir-rwol internazzjonali tal-euro. It-tlestija tal-Unjoni Bankarja - flimkien mar-ratifika f'waqtha tal-ftehimiet emendatorji għat-Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà ([8]) u għall- Ftehim Intergovernattiv dwar it-Trasferiment u l-Mutwalizzazzjoni tal-Kontribuzzjonijiet għall–Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni, magħmul fi Brussell fil-21 ta' Mejju 2014 - u tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali jibqgħu essenzjali. Dik it-tlestija ser tappoġġa wkoll it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, li jeħtieġu investimenti importanti. Is-Summit taż-Żona tal-Euro tal-25 ta' Ġunju 2021 tenna l-impenn għat-tlestija tal-Unjoni Bankarja u stieden lill-Grupp tal-Euro f'format inklużiv biex jaqbel, mingħajr dewmien u fuq bażi kunsenswali, fuq pjan ta' ħidma gradwali u marbut biż-żmien dwar l-elementi pendenti kollha. Huwa appella wkoll għall-implimentazzjoni rapida tal-Pjan ta' Azzjoni tal-2020 tal–Unjoni tas-Swieq Kapitali, stabbilit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Settembru 2020 intitolat "Unjoni tas-Swieq Kapitali għall-persuni u n-negozji - pjan ta' azzjoni ġdid", f'konformità mal-prijoritajiet stabbiliti fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2020 dwar dak il-Pjan ta' Azzjoni. Għadha rilevanti r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, li tappella għat-tlestija tal-UEM u t-tisħiħ tar-rwol internazzjonali tal-euro.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jieħdu azzjoni, individwalment, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tagħhom, u kollettivament fil-Grupp tal-Euro fil-perijodu 2022 –2023 biex:

(1) ikomplu jużaw u jikkoordinaw il-politiki fiskali nazzjonali fl-Istati Membri kollha biex jirfdu b'mod effettiv irkupru sostenibbli u inklużiv. Iżommu pożizzjoni fiskali moderatament ta' appoġġ fl-2022 madwar iż-żona tal-euro, b'kont meħud tal-baġits nazzjonali u l-finanzjament ipprovdut mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Gradwalment jiddereġu l-miżuri fiskali lejn investimenti li jippromwovu rkupru sostenibbli u inklużiv, konsistenti mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, b'attenzjoni partikolari għall-kwalità tal-miżuri baġitarji. Minħabba l-livell ta' inċertezza, iżommu l-politika fiskali aġli sabiex tkun tista' tirreaġixxi għall-evoluzzjoni tal-pandemija tal-COVID-19. Jiddifferenzjaw il-politiki fiskali filwaqt li jqisu s-saħħa tal-irkupru, jiżguraw is-sostenibbiltà fiskali u jtejbu l-investimenti, filwaqt li ma jinsewx il-ħtieġa li jitnaqqsu d-diverġenzi.

([8]) Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà bejn ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, Malta, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka u r-Repubblika tal-Finlandja, magħmul fi Brussell, fit-2 ta' Frar 2012.

(2) jippromwovu politiki li jindirizzaw l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa biex jiżguraw sistemi tat-taxxa ġusti u effiċjenti. Jaħdmu biex jillimitaw il-kompetizzjoni fiskali dannuża inkluż permezz tal-implimentazzjoni ta' soluzzjoni globali bbażata fuq il-kunsens biex jiġu indirizzati l-isfidi tat-taxxa li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni u l-globalizzazzjoni tal-ekonomija. Ibaxxu l-porzjon tat-taxxa fuq ix-xogħol u jippromwovu bidla mit-tassazzjoni fuq ix-xogħol lejn taxxi li joħolqu inqas distorsjoni. Jagħmlu tranżizzjoni minn miżuri ta' emerġenza lejn miżuri ta' rkupru fis-swieq tax-xogħol billi jiġu żgurati politiki attivi tas-suq tax-xogħol effettivi: (i) l-appoġġ għat-tranżizzjonijiet tal-impjiegi, b'mod partikolari lejn ekonomija ekoloġika u diġitali; (ii) l-ikkombinar ta' miżuri li jindirizzaw in-nuqqas ta' ħiliet, it-tisħiħ tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, l-għoti ta' inċentivi mmirati għar-reklutaġġ; u (iii) it-tisħiħ tal-kapaċità tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi biex jindirizzaw l-ispariġġ fis-suq tax-xogħol. Isaħħu s-sistemi ta' edukazzjoni u t-taħriġ inklużivi u ta' kwalità. Jippromwovu l-integrazzjoni taż-żgħażagħ, in-nisa u l-gruppi vulnerabbli fis-suq tax-xogħol, jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati u jindirizzaw is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, jiżviluppaw u jadattaw fejn meħtieġ is-sistemi ta' protezzjoni soċjali u jsaħħu l-aċċess sabiex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw mill-kriżi tal-COVID-19 u dawk relatati mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Jiżguraw l-involviment effettiv tas-sħab soċjali fit-tfassil tal-politika, isaħħu d-djalogu soċjali u jippromwovu n-negozjar kollettiv. Jiżguraw il-kondiviżjoni ta'prattiki tajba fis-suq tax-xogħol u l-politiki soċjali li jżidu r-reżiljenza ekonomika u soċjali, u jikkonverġu lejhom.

(3) jimmonitorjaw l-effettività tal-pakketti ta' appoġġ ta' politika għall-kumpaniji, jiffokaw fuq appoġġ aktar immirat għas-solvenza ta' ditti vijabbli li jkunu spiċċaw taħt pressjoni matul il-kriżi tal-COVID-19, u jagħmlu użu akbar minn strumenti tat-tip ta' ekwità. Iżidu l-kapaċità tal-oqfsa tal-insolvenza biex jittrattaw b'mod effettiv u f'waqtu l-falliment u r-ristrutturar tad-dejn, tiġi mmassimizzata l-preservazzjoni tal-valur u tiġi promossa allokazzjoni effiċjenti ta' investiment ta' kapital fl-ekonomija reali u investimenti transfruntiera. Jagħmlu progress rapidu fl-approfondiment tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali, li dwarha l-Kummissjoni għamlet proposti leġiżlattivi b'enfasi fuq l-appoġġ tal-finanzjament tal-ekonomija, it-tisħiħ tal-opportunitajiet ta' investiment għad-ditti u l-individwi, u t-tneħħija ta' ostakli transfruntiera mhux ġustifikati għall-investimenti fis-suq uniku.

(4) ikomplu jsaħħu l-oqfsa istituzzjonali nazzjonali u jagħmlu riformi biex jindirizzaw l-ostakli għall-investiment u r-riallokazzjoni tal-kapital, u biex jiġi żgurat l-użu effiċjenti u f'waqtu tal-fondi tal-Unjoni. Inaqqsu l-piż amministrattiv għall-kumpaniji u jtejbu l-ambjent tan-negozju. Isaħħu l-effettività u d-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika. Itejbu l-ġestjoni finanzjarja pubblika, inkluż permezz ta' bbaġitjar ekoloġiku u billi jtejbu l-effettività tal-oqfsa ta' ġestjoni tal-investiment pubbliku, u jagħmlu użu minn analiżijiet tal-infiq biex tittejjeb il-kompożizzjoni u l-kwalità tal-finanzi pubbliċi, b'mod partikolari l-kwalità tal-investimenti pubbliċi u l-investiment fin-nies u l-ħiliet, u biex in-nefqa pubblika tiġi ffukata aħjar fuq il-ħtiġijiet ta' rkupru u ta' reżiljenza.

(5) jiżguraw l-istabbiltà makrofinanzjarja, u jżommu l-kanali ta' kreditu għall-ekonomija, filwaqt li jkomplu jindirizzaw is-self improduttiv permezz, fost l-oħrajn, tal-monitoraġġ tal-kwalità tal-assi, l-impenn f'waqtu u proattiv ma' debituri f'diffikultà, b'mod partikolari dawk vijabbli u l-iżvilupp ulterjuri ta' swieq sekondarji għal self improduttiv. Ikomplu bil-ħidma fuq it-tlestija tal-Unjoni Bankarja, permezz ta' pjan ta' ħidma gradwali u marbut biż-żmien fuq l-elementi pendenti kollha meħtieġa u bl-istess livell ta' ambizzjoni, u fuq it-tisħiħ tar-rwol internazzjonali tal-euro. Ikomplu jappoġġjaw ħidma esploratorja dwar l-introduzzjoni possibbli ta' euro diġitali.

Aktar progress fl-approfondiment tal-UEM għandhom iqisu t-tagħlimiet meħuda mir-rispons komprensiv tal-politika ekonomika tal-Unjoni għall-kriżi tal-COVID-19. Il-progress fl-approfondiment tal-UEM għandu jiġi insegwit b'rispett sħiħ għas-suq intern tal-Unjoni u b'mod miftuħ u trasparenti għall-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro.

Magħmul fi Lussemburgu, il-5 ta' April 2022.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

B. LE MAIRE

# IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tad-29 ta' Marzu 2022**

**lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Lietuvos bankas**

**(BĊE/2022/15)**

(2022/C 153/02)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro huma awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(2) Il-mandat tal-awdituri esterni attwali tal-Lietuvos bankas, Ernst & Young Baltic UAB, intemm wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2021. Għalhekk jenħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2022.

(3) Lietuvos bankas għażel lil UAB ROSK Consulting bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2022 sa 2024,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Huwa rrakkomandat illi UAB ROSK Consulting jinħatru bħala l-awdituri esterni ta' Lietuvos bankas għas-snin finanzjarji 2022 sa 2024.

Magħmul fi Frankfurt am Main, 29 ta' Marzu 2022.

*Il-President tal-BĊE*
Christine LAGARDE

# OPINJONIJIET

# IL–KUNSILL

## OPINJONI TAL-KUNSILL

## tal-5 ta’ April 2022

## dwar il-ħatra tal-Kontrollur ta’ garanziji proċedurali tal-Uffiċċju Ewropew ta’ Kontra l-Frodi (OLAF)

(2022/C 153/03)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 325 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b’mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 9a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-lista ta’ kandidati kwalifikati kif xieraq għall-pożizzjoni ta’ Kontrollur ta’ garanziji proċedurali mfassla mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fit-23 ta’ Diċembru 2020, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2223 ([2]), li emenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 sabiex tinħoloq funzjoni interna fil-forma ta’ Kontrollur ta’ garanziji proċedurali tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (il-“Kontrollur”).

(2) Skont l-Artikolu 9a (1) tar-Regolament Nru 883/2013, il-Kummissjoni għandha taħtar il-Kontrollur għal mandat ta’ ħames snin li ma jiġġeddidx. Skont l-Artikolu 9a (4) ta’ dak ir-Regolament, wara sejħa għal applikazzjonijiet f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, il-Kummissjoni għandha tfassal lista ta’ kandidati kwalifikati kif xieraq għall-pożizzjoni tal-Kontrollur. Wara li tikkonsulta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, il-Kummissjoni għandha taħtar il-Kontrollur.

(3) Fid-9 ta’ Diċembru 2021, il-Kummissjoni pprovdiet lill-Kunsill b’lista mqassra ta’ tliet kandidati kwalifikati kif xieraq għall-pożizzjoni ta’ Kontrollur, imniżżlin f’ordni skont il-preferenza, u talbet l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-ħatra tal-Kontrollur.

(4) Il-Kunsill eżamina l-kwistjoni u b’mod partikolari d-dokumenti ġustifikattivi pprovduti mill-Kummissjoni dwar it-tliet kandidati kwalifikati kif xieraq,

([1]) ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1.

([2]) Regolament (UE, Euratom) 2020/2223 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Diċembru 2020 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 fir-rigward tal-kooperazzjoni mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u l-effettività tal-investigazzjonijiet tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (ĠU L 437, 28.12.2020, p. 49).

ĦAREĠ DIN L-OPINJONI:

Il-Kunsill jagħti opinjoni favorevoli dwar il-lista mqassra tat-tliet kandidati kwalifikati kif xieraq fl-ordni ta' preferenza prevista mill-Kummissjoni.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-5 ta' April 2022

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

B. LE MAIRE

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

## (Il-Każ M.10586 — MGL / MSP / O'CONNOR / MCLAREN RACING)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2022/C 153/04)

Fit 29 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tas-sit web tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Dan is-sit web jipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fis-sit web EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32022M10586. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi tal-Unjoni Ewropea.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Il-Każ M.10610 — ARCHER DANIELS MIDLAND SINGAPORE / CLYDE INVESTMENTS)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2022/C 153/05)

Fit 21 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tas-sit web tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Dan is-sit web jipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fis-sit web EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32022M10610. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi tal-Unjoni Ewropea.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Rata tal-kambju tal-euro** ([1])

**Is-6 ta' April 2022**

(2022/C 153/06)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,0923 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,3647 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 135,30 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 8,5617 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4378 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,5718 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,83473 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,4844 |
| SEK | Krona Żvediża | 10,2855 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 330,44 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,0187 | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 15,9934 |
| ISK | Krona Iżlandiża | 141,40 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 6,9498 |
| NOK | Krona Norveġiża | 9,5523 | HRK | Kuna Kroata | 7,5470 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 15 683,36 |
| CZK | Krona Ċeka | 24,441 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,6040 |
| HUF | Forint Ungeriż | 377,77 | PHP | Peso Filippin | 56,167 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,6328 | RUB | Rouble Russu | |
| RON | Leu Rumen | 4,9433 | THB | Baht Tajlandiż | 36,701 |
| TRY | Lira Turka | 16,0998 | BRL | Real Brażiljan | 5,0996 |
| AUD | Dollaru Awstraljan | 1,4431 | MXN | Peso Messikan | 21,8759 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 82,8343 |

([1]) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

V

*(Avviżi)*

PROĊEDURI TAL-QORTI

# IL-QORTI TAL-EFTA

**Talba għal Opinjoni Konsultattiva mill-Qorti tal-EFTA minn Héraðsdómur Reykjavíkur bid-data tat-8 ta' Diċembru 2021 fil-Kawża ta' Anna Bryndís Einarsdóttir vs it-Teżor tal-Iżlanda**

**(Il-Kawża E-5/21)**

(2022/C 153/07)

Saret talba lill-Qorti tal-EFTA, bid-data tat-8 ta' Diċembru 2021, minn *Héraðsdómur Reykjavíkur* (il-Qorti Distrettwali ta' Reykjavik), li waslet għand ir-Reġistru tal-Qorti fit-13 ta' Diċembru 2021, għal Opinjoni Konsultattiva fil-Kawża ta' Anna Bryndís Einarsdóttir vs it-Teżor Iżlandiż dwar il-mistoqsija li ġejja:

L-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004, dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali (ara wkoll l-Artikolu 21(3) tar-Regolament), jobbliga lil Stat taż-ŻEE, meta jikkalkula l-pagamenti b'rabta mal-liv tal-maternità/tal-paternità, jikkalkula l-introjtu ta' referenza fuq il-bażi tal-pagi aggregati ta' persuna fis-suq tax-xogħol fiż-Żona Ekonomika Ewropea kollha? Tkun qed tinkiser id-dispożizzjoni msemmija hawn fuq u l-prinċipji tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (ara, pereżempju, l-Artikolu 29 taż-ŻEE), jekk jitqiesu biss il-pagi aggregati ta' persuna fis-suq tax-xogħol domestiku?

**SENTENZA TAL-QORTI**

**l-14 ta' Diċembru 2021**

**fil-Kawża E-2/21**

**Norep AS vs Haugen Gruppen AS**

*(Aġenti kummerċjali li jaħdmu għal rashom – Direttiva 86/653/KEE – Artikolu 1(2) – Kunċett ta' "aġent kummerċjali" – Negozjar ta' bejgħ jew xiri ta' merkanzija f'isem il-prinċipal)*

(2022/C 153/08)

Fil-kawża E-2/21, Norep As vs Haugen Gruppen AS – TALBA lill-Qorti skont l-Artikolu 34 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja mill-Qorti Suprema tan-Norveġja (*Norges Høyesterett*) dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill86/653/KEE tat-18 ta' Diċembru 1986 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrigwardaw aġenti kummerċjali li jaħdmu għal rashom, il-Qorti, komposta minn Páll Hreinsson, President (Imħallef Relatur), Per Christiansen u Bernd Hammermann, Imħallfin, tat sentenza fl-14 ta' Diċembru 2021, li l-parti operattiva tagħha hija kif ġej:

1. L-Artikolu 1(2) tad-Direttiva tal-Kunsill86/653/KEE tat-18 ta' Diċembru 1986 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrigwardaw aġenti kummerċjali li jaħdmu għal rashom, u b'mod partikolari t-terminu "jinnegozjaw", għandu jiġi interpretat bħala li mhux neċessarjament jippresupponi l-involviment dirett tal-aġent fit-tqegħid ta' ordnijiet mill-klijenti mal-prinċipal, jew li jeskludi xenarju li fih l-ordnijiet imorru direttament mill-klijenti lill-prinċipal.

2. Attività relatata mal-bejgħ għandha titqies bħala negozjar għall-finijiet tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 86/653/KEE jekk din titwettaq speċifikament bil-ħsieb li tinkiseb il-konklużjoni ta' kuntratti ta' bejgħ jew xiri ta' oġġetti mill-prinċipal, u jekk l-aġent jaġixxi bħala intermedjarju bejn il-prinċipal u l-klijenti tiegħu.

**SENTENZA TAL-QORTI**

**tal-14 ta' Diċembru 2021**

**fil-Kawża E-1/21**

**ISTM International Shipping & Trucking Management GmbH v Liechtensteinische Alters- und Hinterlassenenversicherung, Liechtensteinische Invalidenversicherung, u Liechtensteinische Familienausgleichskasse**

*(Sigurtà soċjali – Regolament (KE) Nru 883/2004 – Regolament (KE) Nru 987/2009 – Uffiċċju rreġistrat jew post tan-negozju – Determinazzjoni provviżorja – Artikolu 3 ŻEE – Prinċipju ta' kooperazzjoni leali)*

(2022/C 153/09)

Fil-Kawża E-1/21, ISTM International Shipping to Trucking Management GmbH vs Lettensteinische Alters- und Hinterlassenenversicherung, Lettensteinische Invalidenversicherung, u Lettensteinische Familienausgleichskasse — TALBA lill-Qorti skont l-Artikolu 34 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja mill-Qorti tal-Appell Prinċipali (*Fürstliches Obergericht*) dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali u tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali, il-Qorti, komposta minn Páll Hreinsson, President (Imħallef Relatur), Per Christiansen u Bernd Hammermann, Imħallfin, tat sentenza fit-14 ta' Diċembru 2021, li d-dispożittiv tagħha huwa kif ġej:

1. Il-punt (b)(i) tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali, moqri flimkien mal-Artikolu 14 (5a) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Settembru 2009, li jistabbilixxi l-proċedura għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali, għandu jiġi interpretat fis-sens li s-sempliċi preżenza tal-uffiċċju rreġistrat ta' impriża ma hijiex biżżejjed għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni. Fid-determinazzjoni ta' fejn id-deċiżjonijiet essenzjali ta' impriża jiġu adottati u fejn jitwettqu l-funzjonijiet tal-amministrazzjoni ċentrali tagħha, skont l-Artikolu 14(5a) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009, iridu jitqiesu serje ta' fatturi. Dawn il-fatturi jinkludu l-uffiċċju rreġistrat tagħha, il-post tal-amministrazzjoni ċentrali tagħha, il-post fejn jiltaqgħu d-diretturi tagħha u l-post, normalment identiku, fejn tiġi ddeterminata l-politika ġenerali ta' dik il-kumpanija. Elementi oħra, bħalma huma l-post tar-residenza tad-diretturi prinċipali, il-post fejn isiru l-laqgħat ġenerali, fejn jinżammu d-dokumenti amministrattivi u tal-kontabbiltà u l-post prinċipali fejn isiru l-attivitajiet finanzjarji, partikolarment dawk bankarji, jistgħu wkoll jittieħdu in kunsiderazzjoni.

2. Sabiex determinazzjoni provviżorja ssir definittiva skont l-Artikolu 16(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009, l-istituzzjoni maħtura tal-post ta' residenza trid tkun infurmat lill-istituzzjonijiet maħtura ta' kull Stat taż-ŻEE li fih titwettaq attività. Mhuwiex biżżejjed għall-finijiet tal-Artikolu 16(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 jekk id-determinazzjoni provviżorja tasal għand l-istituzzjoni maħtura ta' Stat taż-ŻEE li fiha titwettaq attività fi kwalunkwe forma, bħal permezz tal-impriża jew tal-persuna kkonċernata.

3. L-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-istituzzjoni nnominata ta' Stat taż-ŻEE xorta tista' tikkontesta determinazzjoni provviżorja li tkun saret definittiva skont l-Artikolu 16(3) ta' dan ir-regolament minħabba t-terminu ta' xahrejn li jiskadi mingħajr ma jkun sar użu minnu. L-użu tal-proċedura prevista fl-Artikolu 16(4) jista' jwassal sabiex titwarrab retroattivament determinazzjoni li tkun saret definittiva skont l-Artikolu 16(3) ta' dan ir-regolament.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT